MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 538/2013

**F (Advertising) Limited**
**C 27689**

**vs**

**Massimo Lovegrove**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tliet elef mitejn u tnejn u sittin ewro (€3,262.00) liema ammont jirrapprezenta d-drittijiet dovuti lis-Socjeta' attrici ghal servizzi ta' reklamar skont kif pattwit bejn il-partijiet a tenur ta' skrittura privata datata 17 ta' Novembru, 2011.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali pprezentata *ai termini* tal-artikolu 166A Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' mandat ta sekwestru kawtelatorju t-tnejn datati 10 ta' Mejju, 2013 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-imsemmija zewg atti gudizzjarji kontra l-konvenut ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tliet elef mitejn tnejn u sittin ewro (€3,262.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------